



## Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tas-27 ta' Novembru 2015 –

**L-Italja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-809/14)**

“Rikors għal annullament — Sistema lingwistika — Avviż ta’ pożizzjoni vakanti għal pożizzjoni ta’ direttur fiċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni — Rekwiżiti lingwistiċi li jidhru fil-formola ta’ preżentazzjoni online tal-kandidaturi — Allegata diverġenza mal-avviż ta’ impjeg vakanti ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali — Ittra mibgħuta mill-Kummissjoni wara li nġhalqet il-proċedura tal-preżentata tal-kandidaturi — Inammissibbiltà”

1. *Rikors għal annullament — Rikors ippreżentat kontra deċiżjoni purament konfermattiva ta’ deċiżjoni preċedenti — Inammissibbiltà — Kunċett ta’ deċiżjoni konfermattiva (Artikolu 263 TFUE) (ara l-punti 28-32, 36, 37)*
2. *Rikors għal annullament — Atti li jistgħu jiġu kkontestati — Atti intiżi li joħolqu effetti ġuridiċi — Kunċett — Ittra mibgħuta mill-Kummissjoni wara l-għeluq ta’ proċedura ta’ preżentazzjoni ta’ kandidati għal post ta’ direttur li tirrifjuta l-proroga jew il-ftuħ mill-ġdid tat-terminu għall-preżentazzjoni ta’ dawn il-kandidati — Esklużjoni (Artikolu 263 TFUE) (ara l-punti 43, 47, 49-51)*

### Suġġett

Talba għall-annullament ta’ allegata deċiżjoni tal-Kummissjoni inkluża f’ittra tat-2 ta’ Ottubru 2014, indirizzata lid-Direttur Ġenerali għall-Unjoni Ewropea tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Taljan, mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali (DG) “Riżorsi Umani u Sigurtà” tal-Kummissjoni.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.